Proċedura bil-miktub konklużi fil-11 ta' Diċembru 2020	CM 5134/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għal Ċipru</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2020 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għal Ċipru ĠU C 432I, 14.12.2020, p. 1–2	12986/20
Proċedura bil-miktub konklużi fil-11 ta' Diċembru 2020	CM 5309/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trawwim tal-Kooperazzjoni Ewropea f'Enerġija Lil Hinn mill-Kosta u Enerġija Rinnovabbli Oħra	13699/20
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5286/20
Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Kriptaġġ	13084/1/20 REV1
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5289/1/20 REV1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija	13083/1/20 REV1

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa b'mod ġenerali l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-infurzar tal-liġi, l-Anness 1 għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija (minn hawn' il quddiem "Konklużjonijiet tal-Kunsill"). Madankollu, tixtieq taqsam il-fehma tagħha dwar is-sorveljanza transfruntiera msemmija fil-punt 36 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Taħt punt 36, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-konsolidazzjoni tal-qafas legali tal-UE biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi filwaqt li, fost l-oħrajn, is-sorveljanza transfruntiera tisemma b'mod speċifiku fit-test. Ir-Repubblika Ċeka tixtieq tindika li s-sorveljanza transfruntiera hija meqjusa bħala miżura investigattiva li timplika l-ġbir ta' evidenza f'ħin reali, kontinwament u matul ċertu perijodu ta' żmien u bħala tali strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'xi Stati Membri (ara wkoll l-analiżi tal-qafas legali tas-sorveljanza transfruntiera fl-Istati Membri tal-UE elaborata min-Network Ġudizzjarju Ewropew fl-2009) u, għalhekk, il-qafas legali rilevanti għandu jittqies f'dan ir-rigward, jiġifieri l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali. Fir-Repubblika Ċeka, is-sorveljanza ta' persuni u oġġetti, inkluż is-sorveljanza transfruntiera, hija att proċedurali ta' evidenza fi proċedimenti kriminali li, bħala tali, jaqa' fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-prosekutur pubbliku tar-Repubblika Ċeka jrid joħroġ l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea skont il-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva msemmija dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea. L-ebda awtorità tal-pulizija tar-Repubblika Ċeka mhi intitolata li titlob b'mod indipendenti li dan l-att jitwettaq fi Stat Membru ieħor. Għall-finijiet tal-proċedimenti kriminali mwettqa fi Stat Membru ieħor, is-sorveljanza transfruntiera fir-Repubblika Ċeka tingħata minn awtorità waħda, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Reġjonali fi Praga.	
Dikjarazzjoni mill-Italja Id-delegazzjoni Taljana tilqa' t-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija li jinsab fid-dokument 13083/1/20 REV 1 tal-24 ta' Novembru 2020. Madankollu, id-delegazzjoni Taljana temmen li t-test ma jenfasizzax b'mod adegwat in-natura polikriminali tal-aktar organizzazzjonijiet perikolużi. Għal għieda effettiva kontra dawn l-organizzazzjonijiet, li jheddu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħna u jdgħajfu l-ekonomija legali, mhuwiex biżżejjed li tittieħed azzjoni fl-oqsma kriminali individwali li fihom huma involuti minn żmien għal żmien, iżda huwa meħtieġ li jiġu pprovduti pjanijiet ta' azzjoni li fl-istess ħin jistgħu jaffettwaw l-organizzazzjoni kollha kemm hi, fil-karatteristiċi strutturali tagħha u fil-konnessjonijiet tagħha. Minn perspettiva operazzjonali, id-delegazzjoni Taljana tqis li huwa meħtieġ li jiġu promossi l-attivitajiet utli kollha sabiex il-għieda kontra l-organizzazzjonijiet kriminali tat-tip mafjuż tkun prijorità fi ħdan il-pjattaformi tal-Unjoni Ewropea ddedikati għat-theddid kriminali.	

Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5392/20
Intenzjoni li ma jitqajmx oġġezzjonijiet għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tal-20.11.2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u dikjarazzjonijiet ta' qabel it-tluq f'każ ta' trasport bil-baħar mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, iċ-Channel Islands u Isle of Man u lejhom	13278/20 + ADD 1
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5378/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2136 tal-14 ta' Diċembru 2020 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 ĠU L 430, 18.12.2020, p. 14-14	13890/20
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament Il-Kunsill u l-Parlament jappellaw lill-Kummissjoni biex tibqa' tagħmel monitoraġġ mill-qrib u b'mod attiv matul is-sena 2021 tal-implimentazzjoni tal-programmi 2014-2020 (b'mod partikolari fl-ambitu tas-subintestatura 2a u tal-Iżvilupp Rurali). Għal dan il-għan, il-Kunsill u l-Parlament jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta, fi żmien debitu, ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2021. Jekk iċ-ċifri juru li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2021 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet, il-Kunsill u l-Parlament jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu fi żmien debitu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Kunsill u l-Parlament ser iqisu l-urġenza tal-kwistjoni, billi jnaqqsu l-perijodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika mutatis mutandis jekk iċ-ċifri juru li l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2021 ikunu ogħla milli meħtieġ.	13891/20 ADD1
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-indirizzar tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 Sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi bla preċedent tal-COVID-19 fl-aħjar interess tal-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma impenjati li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jużaw malajr il-potenzjal sħiħ tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi tal-UE filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lis-setturi tal-ekonomija li huma l-aktar milquta mill-kriżi bħat-turiżmu u l-SMEs u l-persuni l-aktar affettwati mill-kriżi bħat-tfal u ż-żgħażaġh.	

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għall-istrument rilevanti meħtieġ biex titħaddem ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit mingħajr dewmien, bil-ħsieb li jiġi żgurat li ammont suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ikun jista' jsir disponibbli għall-mobilizzazzjoni mill-bidu tas-sena finanzjarja 2021. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iqisu l-urġenza tal-kwistjoni matul id-deliberazzjonijiet tagħhom. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju, hekk kif ikun xieraq, biex tagħmel disponibbli l-appropriazzjonijiet meħtieġa fis-sena finanzjarja 2021. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jikkunsidraw tali abbozz ta' baġit emendatorju bl-urġenza dovuta.	
Dikjarazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal taħt il-Fond Soċjali Ewropew+ L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal ser isir saħansitra aktar importanti speċjalment fil-kuntest tal-kriżi attwali tal-COVID-19 u jeħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi għaliha. Il-proposta riveduta għall-Fond Soċjali Ewropew+ (COM (2020) 447) tinkludi konċentrazzjoni tematika speċifika biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal. Dan jirrikjedi li kull Stat Membru għandu jalloka mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ tiegħu b'għestjoni kondiviża biex jappoġġa azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal (l-Artikolu 7(3) a). Minħabba l-allokazzjonijiet nazzjonali previsti bħalissa, dan jirrappreżenta kważi EUR 5 biljun fi prezzijiet attwali għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-27.	
Dikjarazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni dwar il-governanza tal-aġenziji deċentralizzati Il-Kummissjoni għandha interess qawwi li tiżgura li l-aġenziji deċentralizzati tal-UE jwettqu l-mandat tagħhom, inkluż it-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-governanza tagħhom, kif ukoll l-appoġġ għal ippjanar u rappurtar armonizzati mill-aġenziji deċentralizzati kollha. Il-Kummissjoni tqis li r-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u t-tweġibiet għalih, jistgħu jiffurmaw il-bażi għal segwitu kollaborattiv li jkun jeħtieġ l-appoġġ tal-Kunsill u tal-Parlament.	
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5374/20
Pożizzjoni komuni tal-Unjoni Ewropea għal-laqgħa informali tal-membri tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni UE-Serbja	13079/20
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5362/20
Dikjarazzjoni għan-negozjati tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija	13301/1/20 REV1

Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5360/20
Adozzjoni ta' ċerti strumenti mhux vinkolanti mill-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (Tivat, il-Montenegro, 17 ta' Diċembru 2020)	13607/20
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5359/20
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali u fil-Grupp Permanenti ta' Livell Għoli tal-Komunità tal-Enerġija	13502/20 + ADD 1
Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Diċembru 2020	CM 5358/20
<i>Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2012-2027 u l-pakkett għall-Irkupru</i> Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew	9970/20
Dikjarazzjoni mill-Awstrija Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet klimatiċi għal kull programm tindika dan li ġej għar-“Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali” (ITER): kontribuzzjoni mistennija ta’ 100 % fid-dawl tal-kisba ta’ mira ġenerali ta’ mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni u l-infiq tal-NGEU. F’dan il-kuntest, l-Awstrija tfakkar li l-miri fil-leġislazzjoni/fil-programmi settorjali għandhom jikkonformaw mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030. Madankollu, l-ITER mhux ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 peress li r-reattur tar-riċerka u tal-esperiment mhu ser jipproduċi l-ebda enerġija elettrika fis-snin li ġejjin. Bl-istess mod, anki l-proġett ta’ segwitu DEMO (impjant tal-enerġija ta’ DEMOnstrazzjoni) mhux ser ikun għadu f’pożizzjoni li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Ftehim ta’ Pariġi. Minflok, dan ser iwassal għal effett negattiv nett fl-emissjonijiet ta’ CO ² matul il-kostruzzjoni tiegħu. Peress, - li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri enfasizzat li l-koeffiċjenti klimatiċi tal-UE applikati f’ċerti oqsma naqsu milli jirrispettaw il-prinċipju ta’ konservazzjoni żviluppat mill-Bank Dinji u - li dawn il-koeffiċjenti jvarjaw ukoll mill-qafas ta’ klassifikazzjoni tal-OECD u - ma jikkunsidrax l-impatti negattivi tal-investimenti, - in-nefqa tal-UE għall-ITER m’għandhiex tingħadd bħala kontribuzzjoni għall-mira globali tal-klima ta’ 30 %.	CM 5358/20

<i>Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda</i> Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda <u>ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28–46</u>	12723/20
Dikjarazzjoni mill-Awstrija Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet klimatiċi għal kull programm tindika dan li ġej għar-“Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali” (ITER): kontribuzzjoni mistennija ta’ 100 % fid-dawl tal-kisba ta’ mira ġenerali ta’ mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni u l-infiq tal-NGEU. F’dan il-kuntest, l-Awstrija tfakkar li l-miri fil-leġiżlazzjoni/fil-programmi settorjali għandhom jikkonformaw mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030. Madankollu, l-ITER mhux ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 peress li r-reattur tar-riċerka u tal-esperiment mhu ser jipproduċi l-ebda enerġija elettrika fis-snin li ġejjin. Bl-istess mod, anki l-proġett ta’ segwitu DEMO (impjant tal-enerġija ta’ DEMONstrazzjoni) mhux ser ikun għadu f’pożizzjoni li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Ftehim ta’ Pariġi. Minflok, dan ser iwassal għal effett negattiv nett fl-emissjonijiet ta’ CO² matul il-kostruzzjoni tiegħu. Peress, - li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri enfasizzat li l-koeffiċjenti klimatiċi tal-UE applikati f’ċerti oqsma naqsu milli jirrispettaw il-prinċipju ta’ konservazzjoni żviluppat mill-Bank Dinji u - li dawn il-koeffiċjenti jvarjaw ukoll mill-qafas ta’ klassifikazzjoni tal-OECD u - ma jikkunsidrax l-impatti negattivi tal-investimenti, - in-nefqa tal-UE għall-ITER m’għandhiex tingħadd bħala kontribuzzjoni għall-mira globali tal-klima ta’ 30 %.	CM 5358/20

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-tisħiħ ta' programmi speċifiċi u l-adattament ta' atti bażiċi Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità leġiżlattiva u baġitarja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jżidu b'EUR 2,5 biljun fi prezzijiet tal-2018 il-pakketti finanzjarji fl-atti bażiċi jew l-ipprogrammar finanzjarju, kif xieraq, ta' daww il-programmi li huma identifikati mill-Parlament Ewropew. Dan ser jinkiseb permezz ta' tnaqqis korrispondenti tal-marġini disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP, mingħajr preġudizzju għall-użu possibbli tal-Istrument ta' flessibilità fl-2021. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li fl-atti bażiċi tal-programmi elenkati fl-Anness II tar-Regolament QFP tiddaħħal dispożizzjoni dwar iż-żieda tal-pakketti finanzjarji bl-ammonti speċifikati fihom. Għall-programmi li jstabbilixxu garanziji baġitarji, l-ammont addizzjonali ser ikun rifless fil-livell addizzjonali tal-garanziji pprovduti. ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 1-1	12793/20
Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ ta' programmi speċifiċi minn marġini mhux allokat L-ammont ta' EUR 2,5 biljun fi prezzijiet tal-2018 imsemmi fid-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-tisħiħ ta' programmi speċifiċi u l-adattament ta' atti bażiċi ser jiġi allokat kif ġej: – Orizzont Ewropa: + EUR 0,5 biljun – Erasmus+: + EUR 0,5 biljun, li minnhom EUR 165 miljun fl-2021 – l-UE għas-Saħħa: + EUR 0,5 biljun, li minnhom EUR 70 miljun fl-2021 – Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta: + EUR 0,5 biljun – Għajnuna Umanitarja: + EUR 0,5 biljun	12793/20
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu ta' rimborżi mill-Faċilità ta' Investiment tal-AKP għall-benefiċċju tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali Il-Kunsill jaqbel li ammont ta' mhux aktar minn EUR 1 biljun (fi prezzijiet tal-2018) li ġej minn fondi minn operazzjonijiet preċedenti taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP għal operazzjonijiet taħt id-9, l-10, u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ser jintuża għall-benefiċċju tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fil-perijodu 2021-2027. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għandu jippermetti t-teħid ta' daww il-fondi.	12793/20

<u>ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 2-2</u>	
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi istituzzjonali tagħhom, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jergġhu jagħmlu disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka approprijazzjonijiet ta' impenn, li jikkorrispondu għall-ammont sa EUR 0.5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fil-perijodu 2021-2027 ta' diżimpenji, li jirriżulta minn nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għal dak il-programm jew il-predeċessor tiegħu kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju. <u>ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 3-3</u>	12793/20
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-trattament tal-ispejjeż tal-imgħax u r-ripagamenti ta' NGEU fil-QFP 2021-2027	12793/20

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-infiq li jkopri l-ispejjeż ta' finanzjament ta' Next Generation EU għandu jkollu l-għan li ma jnaqqasx il-programmi u l-fondi tal-UE. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li t-trattament tal-ispejjeż tal-imgħax u r-ripagamenti ta' NGEU fil-QFP 2021-2027, attwalment previst bħala ta' EUR 12.9 biljun għas-seba' snin, huwa mingħajr preġudizzju għal kif din il-kwistjoni ser tiġi indirizzata fl-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri mill-2028 'il quddiem. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jaħdmu biex jintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda bil-ħsieb li jkopru ammont li jikkorrispondi għan-nefqa mistennija relatata mal-ħlas lura u l-ispejjeż tar-ripagamenti u l-imgħax. ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 4-4	12793/20
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Riżorsa Proprja bbażata fuq imposta diġitali Filwaqt li tqis l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni ser tħaffef il-ħidma tagħha fuq it-tressiq tal-proposti neċessarji għall-istabbiliment ta' imposta diġitali fl-Unjoni u ser tagħmel proposta għal att bażiku mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn Ġunju 2021. Fuq din il-bażi, hija ser tipproponi li d-dħul li jirriżulta mill-imposta diġitali isir riżorsa proprja sa Jannar 2023.	12793/20
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Riżorsa Proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji Għaddejjin diskussjonijiet dwar it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji taħt kooperazzjoni msaħħa bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati sa tmiem l-2022. Jekk ikun hemm qbil dwar din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, il-Kummissjoni ser tagħmel proposta sabiex dħul minn din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji jiġi trasferit għall-baġit tal-UE bħala riżorsa proprja. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt, ser tipproponi riżorsa proprja ġdida, ibbażata fuq Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji ġdida. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tagħmel dawn il-proposti sa Ġunju 2024 bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sal-1 ta' Jannar 2026.	12793/20

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti ġodda bbażati fuq l-Artikolu 122 TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezabbli għall-baġit tal-Unjoni Billi: (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ("it-tliet Istituzzjonijiet") jirrikonoxxu li l-Artikolu 122 TFUE jikkostitwixxi bażi legali għall-adozzjoni ta' miżuri biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi speċifiċi li jistgħu jinvolvu implikazzjonijiet baġitarji potenzjali, li jistgħu jħallu impatt fuq l-iżvilupp tan-nefqa tal-Unjoni fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha. (2) Fid-dawl tas-setgħat baġitarji tagħhom skont it-Trattati, huwa xieraq li ż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja jddeliberaw dwar l-implikazzjonijiet baġitarji ta' tali atti previsti fejn daww l-implikazzjonijiet x'aktarx ikunu apprezabbli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fid-deliberazzjonijiet tagħhom. FTIEHMU KIF ĠEJ: 1. Din id-dikjarazzjoni tistabbilixxi arranġamenti għal proċedura ta' skrutinju baġitarju (minn hawn 'il quddiem "il-proċedura") bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bl-assistenza attiva tal-Kummissjoni. 2. Din il-proċedura tista' tiġi segwita fir-rigward ta' proposta tal-Kummissjoni għal att tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 122 TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezabbli għall-baġit tal-Unjoni. 3. Il-Kummissjoni ser takkumpanja kwalunkwe proposta bħal din b'valutazzjoni tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali propost u ser tindika jekk l-att inkwistjoni jistax, fil-fehma tagħha, ikollu implikazzjonijiet apprezabbli għall-baġit tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu li tinbeda l-proċedura. 4. Il-proċedura ser issir f'Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-livell xieraq. Il-Kummissjoni ser tipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat Konġunt. 5. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv bil-ħsieb li jfittxu fehim konġunt tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali previst b'konsiderazzjoni xierqa tal-urġenza tal-kwistjoni. 6. Il-proċedura għandha ssir matul perijodu ta' mhux aktar minn xahrejn, sakemm l-att inkwistjoni ma jkunx irid jiġi adottat qabel data speċifika jew, jekk l-urġenza tal-kwistjoni hekk teħtieġ, f'limitu ta' żmien iqsar stabbilit mill-Kunsill. ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 5-5	12793/20
---	----------

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul assenjat estern u l-għoti u t-teħid b'self fir-Regolament Finanzjarju Fl-isfond tal-NGUE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li fil-qafas tar-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju, il-kwistjonijiet li ġejjin ser jiġu vvalutati u riveduti kif xieraq: – id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul assenjat estern, b'mod partikolari kif imsemmi fl-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju; – id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar dwar operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self. It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu li r-regoli eżistenti dwar l-awditjar u l-proċedura ta' kwittanza japplikaw għad-dħul assenjat. ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 6-6	12793/20								
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għall-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima u l-involvement tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-metodoloġija għall-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima tkun aċċessibbli, trasparenti u disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni ser taqsa fehmiet dwar il-metodoloġija għall-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. It-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Parlament u mal-Kunsill fir-rigward tal-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi klimatiċi ser jkunu prinċipju ewlieni tal-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima.	12793/20								
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet għall-klima għal kull programm Mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġislattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-atti bażiċi settorjali rilevanti, il-kontribuzzjonijiet għall-klima għall-2021-2027 bil-ħsieb li tintlaħaq mira ġenerali ta' mill-inqas 30% tal-ammont totali tan-nefġiet tal-baġit tal-Unjoni u ta' NGUE, huma indikati għall-programmi u l-Fondi rilevanti kif ġej: <table border="1" data-bbox="461 1015 1444 1350"> <thead> <tr> <th><u><i>Programmi</i></u></th><th><u><i>Kontribuzzjoni minima mistennija</i></u></th></tr> </thead> <tbody> <tr> <td><u><i>Orizzont Ewropa</i></u></td><td><u><i>35 %</i></u></td></tr> <tr> <td><u><i>ITER</i></u></td><td><u><i>100 %</i></u></td></tr> <tr> <td><u><i>Fond InvestEU</i></u></td><td><u><i>30 %</i></u></td></tr> </tbody> </table>	<u><i>Programmi</i></u>	<u><i>Kontribuzzjoni minima mistennija</i></u>	<u><i>Orizzont Ewropa</i></u>	<u><i>35 %</i></u>	<u><i>ITER</i></u>	<u><i>100 %</i></u>	<u><i>Fond InvestEU</i></u>	<u><i>30 %</i></u>	12793/20
<u><i>Programmi</i></u>	<u><i>Kontribuzzjoni minima mistennija</i></u>								
<u><i>Orizzont Ewropa</i></u>	<u><i>35 %</i></u>								
<u><i>ITER</i></u>	<u><i>100 %</i></u>								
<u><i>Fond InvestEU</i></u>	<u><i>30 %</i></u>								

<u><i>Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa</i></u>	<u>60 %</u>		
<u><i>FEŻR</i></u>	<u>30 %</u>		
<u><i>Fond ta' Koeżjoni</i></u>	<u>37 %</u>		
<u><i>REACT EU</i></u>	<u>25 %</u>		
<u><i>Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza</i></u>	<u>37 %</u>		
<u><i>PAK 2021 - 2022</i></u>	<u>26 %</u>		
<u><i>PAK 2023 - 2027</i></u>	<u>40 %</u>		
<u><i>FEMS</i></u>	<u>30 %</u>		
<u><i>LIFE</i></u>	<u>61 %</u>		
<u><i>Fond għal Tranżizzjoni Ġusta</i></u>	<u>100 %</u>		
<u><i>NDICI</i></u>	<u>25 %</u>		
<u><i>OCT</i></u>	<u>25 %</u>		
<u><i>Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni</i></u>	<u>16 %</u>		
Il-Kummissjoni ser tuża dawn il-kontribuzzjonijiet għall-klima bħala punt ta' referenza biex tivvaluta d-devjazzjonijiet u biex tipproponi miżuri f'każ ta' progress insuffiċjenti.			

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għall-monitoraġġ tal-bijodiversità u l-involviment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-metodoloġija għall-monitoraġġ tal-bijodiversità tkun aċċessibbli, trasparenti u disponibbli għall-pubbliku. Wara t-tlestija ta' studju dwar il-metodoloġija mniedi dan l-aħħar mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni ser taqsam fehmiet dwar il-metodoloġija mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. It-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Parlament u mal-Kunsill fir-rigward tal-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi marbutin mal-bijodiversità ser ikunu prinċipju ewlieni tal-monitoraġġ.	12793/20
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar rieżami / reviżjoni ta' nofs it-terminu Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ser tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP. Ir-rieżami jista', kif xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti rilevanti għar-reviżjoni tar-Regolament QFP f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-TFUE.	12793/20
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni	9980/20
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni - Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	9980/20 ADD1
Spjegazzjoni mill-Ungerija tal-vot tagħha Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 u d-dikjarazzjonijiet relatati mill-Kummissjoni u l-Kunsill indirizzaw it-ħassib politiku u xi wħud mit-ħassib legali tal-Ungerija fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-abbozz ta' Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Madankollu, għad hemm tħassib legali serju dwar il-konformità tal-abbozz ta' Regolament mad-dritt tal-UE li jġiegħel lill-Ungerija tivvota kontra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament. L-Ungerija tirriżerva d-dritt tagħha skont l-Artikolu 263 TFUE.	CM 5358/20
Dikjarazzjoni mill-Ungerija L-implimentazzjoni sħiħa in bona fide tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-dikjarazzjonijiet relatati mill-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni tirrigwarda l-interessi nazzjonali vitali tal-Ungerija u hija precondizzjoni għall-kunsens tal-Ungerija għal kwalunkwe att leġiżlattiv relatat mal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027, inkluż Next Generation EU.	CM 5358/20
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-abbozz ta'	CM 5358/20

Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Huwa jikkonferma l-fehim tal-Kunsill Ewropew li l-Kummissjoni, fl-applikazzjoni tar-Regolament, timpenja ruħha għall-elementi msemija fil-paragrafu 2 tal-konklużjonijiet tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 sa fejn dawn jaqgħu taħt il-mandat tar-responsabbiltajiet tagħha, f'konformità mat-Trattati.	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni taqbel li tikkunsidra li takkumpanja r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' proposti adatti fejn meħtieġ.	CM 5358/20

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jikkunsidraw l-inklużjoni tal-kontenut ta' dan ir-Regolament fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 (ir-"Regolament Finanzjarju") fil-mument tar-reviżjoni li jmiss tiegħu.	13051/20
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-Riżorsi Propriji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1–10	10046/20
Dikjarazzjoni min-Netherlands In-Netherlands iqisu n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji, ir-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u r-Regolament li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) bħala pakkett. Huwa ta' importanza kbira li jiġi rispettata l-bilanċ delikat tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020 u li jiġi żgurat li t-testi leġislattivi jkunu konformi ma' dawn il-konklużjonijiet. Bħalissa, ir-regolament RRF għadu fil-fażi tat-trilogu u għalhekk l-eżitu finali mhuwiex magħruf. In-Netherlands jilqgħu l-ftehim dwar id-Deċiżjoni l-ġdida tal-Kunsill (UE, Euratom) dwar is-sistema tar-riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea (DRP). Fl-ispirtu tal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera u biex tkun tista' ssir introduzzjoni rapida tal-fondi mmirati biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, in-Netherlands ser jivvotaw favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibdeu il-proċeduri nazzjonali tagħhom, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Minħabba l-ħtieġa li jiġi vvalutat il-pakkett sħiħ indikat hawn fuq, inkluż bħala rekwiżit biex tkun tista' tingħata l-approvazzjoni parlamentari għall-ORD, il-gvern Netherlandiż ser jibgħat biss lill-parlament l-ORD wara li t-trilogi dwar ir-regolament propost dwar l-RRF ikunu wasslu għal eżitu sodisfaċenti f'konformità sħiħa mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju. Sadanittant, il-gvern Netherlandiż qed jiffinalizza l-ħidma preparatorja meħtieġa li ser tippermetti l-bidu tal-proċedura ta' approvazzjoni parlamentari nazzjonali, meħtieġa mill-Kostituzzjoni Netherlandiża. Dikjarazzjoni mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jinnotaw li t-trilogi dwar ir-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)¹ għadhom għaddejjin. Il-koleġislaturi ma setgħux jaqblu dwar diversi kwistjonijiet politiċi, li ġew indirizzati espliċitament fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew f'Lulju 2020 u għadhom prijorità ewlenija għall-Istati Baltiċi. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, l-allokazzjoni ta' EUR 1 384 miljun mill-pakkett ġenerali tal-parti tat-trasport tas-CEF għat-tlestija ta' konnessjonijiet ferrovjarji transkonfinali kbar neqsin bejn il-pajjiżi ta' koeżjoni biex jiġi appoġġat il-funzjonament tas-Suq Uniku. Skont il-ftehim, għandhom japplikaw ir-regoli ta' kofinanzjament tat-trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE. L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jenfasizzaw li l-kompromess dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jifforma parti integrali mill-pakkett tal-QFP. Ir-rispett sħiħ tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP 2021-2027 minn Lulju 2020 b'rabta mal-Faċilità	CM 5358/20

Nikkollegaw l-Ewropa huwa strumentali għas-suċċess tal-proċessi ta' ratifika u approvazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji fil-parlamenti nazzjonali tal-Istati Baltiċi. Rail Baltica hija proġett emblematicu tal-UE f'żona ġdida, li joħloq kuritur ferrovjarju ġdid fit-tliet Stati Membri, li jgħaqqadhom man-network Ewropew tal-wisa' bejn il-binarij u jnaqqas id-distakk fl-infrastruttura. Peress li bħalissa l-Istati Baltiċi m'għandhomx konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja ma' Stati Membri oħra tal-UE jew bejniethom, Rail Baltica ttipprovdi spinta ekonomika notevoli għar-reġjun kollu u ttejjeb il-konnettività tat-trasport bejn il-pajjiżi ta' koeżjoni. Il-proġett huwa essenzjali biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE billi tithegġegħ il-bidla modali mit-toroq għal ferrovija elettrifikata, u b'hekk jgħin biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mit-trasport. Il-baġit allokat huwa fundamentali għat-tlestija f'waqtha ta' Rail Baltica, li bħalissa tinsab fi żvilupp attiv bil-għan li jibdw l-operazzjonijiet sal-2026. Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-importanza tat-tlestija ta' konnessjonijiet ferrovjarji transkonfinali kbar neqsin, bħal Rail Baltica, peress li jrawmu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jiġġieldu t-tibdil fil-klima. L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jistiednu lill-Parlament Ewropew biex jikkondividi din il-pożizzjoni u jappoġġa d-dispożizzjoni dwar l-allokazzjoni kif maqbula mill-Kunsill Ewropew. ¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u r-Regolament (UE) Nru 283/2014; 2018/0228 (COD).	
<i>Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23–27	9971/20
Abbozz ta' ittri lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni - Approvazzjoni	13027/20
Proċedura bil-miktub konklużi fil-14 ta' Diċembru 2020	CM 5416/20
Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-17-il Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ażerbajġan	13992/20
Proċedura bil-miktub konklużi fil-14 ta' Diċembru 2020	CM 5414/20
Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-Tielet Kunsill ta' Sħubija UE-Repubblika tal-Armenja	13991/20
Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Diċembru 2020	CM 5327/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp urban u territorjali	13597/20
Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Diċembru 2020	CM 5402/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea: inizjattiva ambizzjuża li s-suċċess tagħha jiddependi mill-impenn kontinwu tal-UE, tal-gvernijiet u tan-negozji"	13568/20

Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Diċembru 2020	CM 5397/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19	13626/20
Proċedura bil-miktub konklużi fis-17 ta' Diċembru 2020	CM 5464/20
<i>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2169 tas-17 ta' Diċembru 2020 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni ĠU L 431, 21.12.2020, p. 75-77	14135/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5419/20
Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../... tal-4.12.2020 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieneni krudili, inumani jew degradanti oħra biex jitqies il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni	13744/20 COR1
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5442/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2020 tal-QEA	14080/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5447/20
Strateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025	13932/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5451/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tagħlimiet meħuda rigward il-COVID-19 fil-qasam tas-saħħa	13552/20 + COR1
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5463/20
Approvazzjoni tal-emenda tal-ammont ta' trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 3/2020 fit-Taqsima VII - Kumitat tar-Reġjuni - tal-baġit ġenerali għall-2020	13530/20
Approvazzjoni tal-emenda tal-ammont tat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 2/2020 fit-Taqsima VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - tal-baġit ġenerali għall-2020	13930/20
Approvazzjoni tal-emenda tal-ammont ta' trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 1/2020 fit-Taqsima IV - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - tal-baġit ġenerali għall-2020	13935/20
Rifjut tat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 1/2020 fit-Taqsima X - Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna - tal-baġit ġenerali għall-2020	13936/20

Proċedura bil-miktub konklufa fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5467/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2017 li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika ĠU C 439, 20.12.2017, p. 7-7	10733/20
Proċedura bil-miktub konklufa fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5487/20
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2189 tat-18 ta' Diċembru 2020 li tawtorizza lin-Netherlands biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 434, 23.12.2020, p. 1-2	13508/20
Proċedura bil-miktub konklufa fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5492/20
Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../... tal-20.11.2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u dikjarazzjonijiet ta' qabel it-tluq f'każ ta' trasport bil-baħar mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, iċ-Channel Islands u l-Isle of Man	13975/20
Proċedura bil-miktub konklufa fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5485/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2185 tat-18 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea ĠU L 435, 23.12.2020, p. 63-64	12513/20
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali - Ftehim fil-prinċipju - Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew	10365/20 12543/20

Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5468/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2020 li taħtar żewġ membri tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika 2020/C 445/02 ĠU C 445, 22.12.2020, p. 3-4	10734/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5477/20
<i>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2230 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 437, 28.12.2020, p. 120-134	13202/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5478/20
<i>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2231 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 437, 28.12.2020, p. 135-181	13205/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Diċembru 2020	CM 5495/20
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Unjoni Doganali tittieħed għal-Livell li Jmiss: Pjan ta' Azzjoni	13381/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5448/20
<i>Regolament dwar ċerti aspetti ta' sikurezza ferrovjarja u ta' konnettività ferrovjarja fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz ta' Channel Fixed Link</i> Regolament (UE) 2020/2222 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar ċerti aspetti ta' sikurezza u ta' konnettività ferrovjarja fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz ta' Channel Fixed Link (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 43-48	60/20 REV1

Proċedura bil-miktub konklufa fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5494/20
<i>Deċiżjoni li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033</i> Deċiżjoni (UE) 2020/2229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 116-119	55/20 REV1
Proċedura bil-miktub konklufa fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5506/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)</i> Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30-42	58/20 REV1
Dikjarazzjoni mill-Polonja L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, fl-espressjonijiet li jinkludu t-terminu "ġeneru", il-Polonja ser tinterpretah bħala l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE. Barra minn hekk, fir-rigward tal-premessa 7, il-Polonja hija tal-opinjoni li l-użu tal-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ma jistax iwassal biex jinqabżu t-Trattati, b'mod partikolari l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 TUE, u ma jistax jinterferixxi mal-kompetenza tal-Kunsill Ewropew li jiddikjara unanimament li nkiser l-Istat tad-Dritt.	

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Dikjarazzjoni fir-rigward tal-Premessa 6 Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li l-mira tal-infiq relatat mal-klima tiġi stabbilita fi premessa minflok ma tiġi stabbilita mira legalment vinkolanti f'Artikolu. Il-Kummissjoni tqis li dan ma jagħtix mezzi legali xierqa lill-Kummissjoni biex tiżgura b'mod effettiv li l-kontribuzzjoni tar-riżorsi tar-REACT-EU jilhqqu l-livell maqbul għall-finijiet tal-mira ġenerali tal-kontribuzzjoni għall-klima stabbilita b'mod konġunt għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali u Next Generation EU, skont il-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali.	
Proċedura bil-miktub konklufa fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5507/20
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonilighandhatittiehed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2021 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2187 tat-22 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2021 ĠU L 435, 23.12.2020, p. 73-73	11353/20 11356/20
Proċedura bil-miktub konklufa fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5508/20
<i>Regolament li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022</i> Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1-29	29/20

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru: - fl-importanza ta' miżuri speċifiċi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jittqiesu l-karatteristiċi speċjali ta' daww ir-reġjuni; - fl-importanza ta' miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u - li l-kwistjonijiet hawn fuq imsemmija jiġġustifikaw sostenn speċjali favur tali reġjuni u gżejjer, bil-għan li jiġu implimentati miżuri adegwati.	
Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-arranġamenti ta' finanzjament tal-UE għall-POSEI u l-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jissottolinjaw li l-arranġamenti ta' finanzjament tal-UE għall-POSEI u l-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew inklużi f'dan ir-Regolament ta' Tranżizzjoni għall-2021 u l-2022 huma eċċezzjonali, li jirriflettu l-partikolarità ta' ċirkostanzi, u ma jikkostitwux preċedent għall-finanzjament futur tal-PAK, la għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew u lanqas għall-pagamenti diretti.	
Dikjarazzjoni mil-Latvja Il-Latvja tappoġġa l-ħtieġa urġenti li jintlaħaq qbil dwar ir-regoli tranżizzjonali tal-PAK sabiex tkun tista' titkompla l-politika tal-PAK fl-2021 u tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-appoġġ bejn iż-żewġ perijodi tal-QFP. Hija r-responsabbiltà tal-koleġiżlaturi tal-UE biex jiżguraw li l-bdiewa tal-UE jkomplu l-produzzjoni tal-ikel u l-produzzjoni agrikola skont id-dispożizzjonijiet tal-PAK mingħajr tfixkil. Is-sustanza tal-kompromess dwar l-abbozz ta' Regolament hija aċċettabbli għal-Latvja, peress li l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni huma elaborati sew u bbilanċjati. Madankollu, il-proposta li ġiet introdotta fl-aħħar minuta <i>biex jinżammu l-baġits attwali tal-PAK għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Eġew skont ir-Regolamenti 228/2013 u 229/2013</i> - tqajjem għadd ta' kwistjonijiet ta' tħassib. Filwaqt li hija miftuħa għas-sejbien ta' soluzzjonijiet biex jiġi żgurat il-livell attwali ta' finanzjament għar-reġjuni inkwistjoni, kwalunkwe soluzzjoni bħal din taħt l-ebda ċirkostanza m'għandha timmina l-ftehim milħuq fil-Kunsill Ewropew f'Lulju. L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom l-interessi nazzjonali u s-sensittività politiki tagħhom stess. Dawn kienu ġew diskussi b'mod wiesa' u tqiesu f'negozjati twal li wasslu għal kompromess delikat ħafna f'Lulju. Huwa ċar li l-kompromess li kisbet il-Presidenza Ġermaniża ma jirrispettax bis-sħiħ dan il-qbil dwar il-QFP.	

Konna lesti nappoġġaw soluzzjoni li tkun newtrali mil-lat baġitarju għall-Istati Membri li mhumiex parti mill-POSEI. Madankollu, l-użu propost tad-dħul assenjat, anki jekk għall-2021 biss, mhuwiex newtrali mil-lat baġitarju fir-rigward tal-pakketti ta' pagamenti diretti tal-Istati Membri l-oħra u qed joħloq preċedent għall-futur. Għar-raġunijiet espressi hawn fuq il-Latvja tastjeni milli tivvota dwar ir-Regolament Tranżitorju.	
Dikjarazzjoni mil-Litwanja Il-Litwanja tqis li s-soluzzjoni ta' kompromess għall-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-gżejjer minuri tal-Eġew inklużi fir-Regolament Tranżitorju għall-2021 ma tirrispettax il-ftehim dwar il-QFP u temmen li l-użu ta' dħul assenjat għal dan il-għan imur kontra l-prinċipju tan-newtralità baġitarja <i>fir-rigward ta'</i> Stati Membri oħra. Il-Litwanja tinnota li s-soluzzjoni msemija hawn fuq m'għandhiex tikkostitwixxi preċedent għall-futur.	
Dikjarazzjoni Konġunta mill-Belġju, id-Danimarka, in-Netherlands, is-Slovakkja u l-Iżvezja Il-Belġju, id-Danimarka, in-Netherlands, is-Slovakkja u l-Iżvezja jappoġġaw il-kompromess dwar ir-regolament tranżitorju tal-PAK. L-appoġġ huwa mingħajr preġudizzju għall-finanzjament futur tal-POSEI. Aħna ma naqblux, fil-prinċipju, mas-soluzzjoni li jinżammu l-livelli ta' finanzjament għall-POSEI bl-użu tad-dħul assenjat. Madankollu, deċiżjoni rapida dwar ir-regolament tranżitorju hija importanti kemm biex il-bdiewa jingħataw ċertezza legali kif ukoll biex jiġu ġestiti l-effetti ekonomiċi tal-Covid-19.	
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5509/20
<i>Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital awtorizzat tal-Fond Ewropew tal-Investment</i> Deċiżjoni (UE) 2021/8 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li tawtorizza lill-Kummissjoni tivvota favur iż-żieda fil-kapital awtorizzat tal-Fond Ewropew tal-Investment ĠU L 3, 7.1.2021, p. 1-2	59/20 REV1
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5510/20
<i>Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u operazzjonijiet tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni</i> Regolament (UE) 2020/2227 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u operazzjonijiet tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni ĠU L 437, 28.12.2020, p. 102-107	68/20 REV1

Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5486/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2188 tat-22 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ĠU L 435, 23.12.2020, p. 74-78	12916/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5476/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u dwar lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2232 tat-22 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u dwar lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim ĠU L 437, 28.12.2020, p. 182-187	13919/20 REV1

Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5455/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika</i> Regolament (UE) 2020/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 97-101	67/20 REV1
Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5453/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika fit-trasport bl-ajru wara tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika</i> Regolament (UE) 2020/2225 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 Diċembru 2020 dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika fit-trasport bl-ajru wara tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 86-96	66/20 REV 1
Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu	CM 5453/20
Il-Lussemburgu jqis li l-libertajiet tal-ajru li jagħmluha possibbli li Stat Membru jkun konness ma' pajjiż terz mhumieq koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika fl-ajru. B'mod partikolari, il-ħames libertà tal-ajru, fir-rigward tat-traffiku tal-ajru barra mill-UE (il-libertà li wieħed itella' u jniżżel traffiku f'punti intermedjarji barra l-UE) taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u għalhekk ma tistax tiġi sospiża jew abolita mir-Regolament inkwistjoni. Il-Lussemburgu jiddispijaċi li s-suġġeriment tiegħu għal kjarifika tat-test tar-Regolament dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika fl-ajru ma ġiex ikkunsidrat, iżda jqis li l-interpretazzjoni tar-Regolament madankollu ma nbidlitx.	

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Fir-rigward tal-Artikolu 2 u l-premessa 8, il-Kummissjoni tfakkar li d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri hija ttrattata b'mod eżawrjenti fit-Trattati, kemm għal ċirkostanzi normali kif ukoll għal ċirkostanzi eċċezzjonali. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur ma għandux is-setgħa li jibdel dik id-diviżjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li dan ir-Regolament, għalhekk, ma jippreġudikax in-natura tar-relazzjoni futura mar-Renju Unit fil-qasam tal-avjazzjoni wara l-iskadenza tiegħu. L-eżerċizzju tal-kompetenza permezz tar-Regolament huwa temporanju u strettament limitat għall-perijodu ta' validità tiegħu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni legali li tirriżulta mill-awtorizzazzjonijiet attwali jew minn kwalunkwe awtorizzazzjoni futura għal negozjar, ma' kwalunkwe pajjiż terz.	
Proċedura bil-miktub konklufa fit-22 ta' Diċembru 2020 <i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika</i> Regolament (UE) 2020/2224 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 74-85	CM 5450/20 65/20 REV 1

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u Spanja L-Awstrija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u Spanja jappoġġaw l-oġġettiv li tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bit-triq f'każ li r-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea jonqsu milli jikkonkludu ftehim ta' sħubija ġdid qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020. Aħna nilqgħu l-miżuri temporanji proposti li jippermettu lill-operaturi tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, bil-kowċ u bix-xarabank liċenzjati fir-Renju Unit biex iġorru merkanzija u passiġġieri lejn u mill-Istati Membri tal-UE. Bħal fl-2019, dawn il-miżuri huma meħtieġa biex jiġi evitat tfixkil serju fil-kuntest ta' tali operazzjonijiet immedjatament wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, is-sitwazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 mhijiex komparabbli mas-sitwazzjoni fil-bidu tar-rebbiegħa tal-2019. Il-partijiet kollha kkonċernati u involuti fil-proċess tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellhom biżżejjed opportunità biex iħejju għall-bidliet inevitabbli li jirriżultaw mid-deċizzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE. Għalhekk, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u Spanja huma mħassba li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta inizjali ġie estiż biex jinkludi ċertu numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fit-trasport tal-merkanzija bit-triq. Aħna tal-opinjoni li din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni mhijiex konformi mal-linji gwida dwar il-miżuri ta' kontinġenza maqbula mill-Kunsill Ewropew dwar il-kondotta ġenerali tal-UE27, peress li dawn l-operazzjonijiet mhumix strettament neċessarji biex jiżguraw il-konnettività bażika bejn ir-Renju Unit u l-UE27. Madankollu, b'kont meħud tat-tħassib ekonomiku ġenerali, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u Spanja jifhmu li d-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi tar-Renju Unit bil-kondizzjoni tar-reċiproċità huma mod ta' rispons għas-sitwazzjoni unika ta' Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. L-Awstrija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u Spanja jenfasizzaw li l-kundizzjoni ta' eliminazzjoni gradwali tad-drittijiet mogħtija f'dan ir-Regolament tiffirma parti essenzjali minn dan ir-Regolament. Hija miżura meħuda biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, nixtiequ nindikaw li d-dritt li jitwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-UE huwa dritt esklussiv għall-Istati Membri tagħha u ma jidhirx li huwa meħtieġ f'din is-sitwazzjoni. L-Awstrija, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u Spanja jemmnu li d-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi tar-Renju Unit għal perjodu ta' żmien limitat bil-kundizzjoni ta' reċiproċità huma minħabba s-sitwazzjoni unika ta' Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni. Dan ir-Regolament mhux ser jippreġudika aktar negozjati mar-Renju Unit jew pajjiżi terzi oħra u mhux ser jitqies bħala preċedent.	CM 5450/20
---	--------------------------

Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5337/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għall-Belġju	13942/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5333/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Belġju	13938/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5306/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għal-Latvja	13857/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5306/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għal-Latvja	13859/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Diċembru 2020	CM 5247/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għal-Litwanja	13765/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-23 ta' Diċembru 2020	CM 5462/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-disa', l-għaxar, u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2233 tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ĠU L 437, 28.12.2020, p. 188-191	13990/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-23 ta' Diċembru 2020	CM 5517/20
Viċinat tan-Nofsinhar / Prijoritajiet tas-Sħubija: Abbozzi ta' ittri lill-ġirien tan-Nofsinhar	14234/20

Proċedura bil-miktub konklużi fid-29 ta' Diċembru 2020	CM 5527/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar l-Użu Sikur u Paċifiku tal-Enerġija Nukleari u l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2020/2253 tad-29 ta' Diċembru 2020 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar l-Użu Sikur u Paċifiku tal-Enerġija Nukleari u l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ĠU L 444, 31.12.2020, p. 11-13	14357/20
<i>Ftehim għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari</i> Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari ĠU L 445, 31.12.2020, p. 5-22	14337/20 ADD 2 REV 1
<i>Skambju ta' ittri għall-applikazzjoni proviżorja li għandha ssir mal-firma</i> Skambju ta' ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari ĠU L 445, 31.12.2020, p. 23-24	14357/20 ADD 1

Proċedura bil-miktub konkluża fid-29 ta' Diċembru 2020	CM 5525/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tad-29 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l- applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2-10	13904/20
<i>Ftehim dwar il-Kummerċ u l Kooperazzjoni</i> Ftehim dwar il-Kummerċ u l Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14-1462	14335/20 ADD 1 REV 2
<i>Ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata</i> Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ĠU L 444, 31.12.2020, p. 1463-1474	ST 14335/20 ADD 2 REV 1
<i>Dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u l-Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata</i> Dikjarazzjonijiet imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni, u dwar applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u tal-Ftehim dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ĠU L 444, 31.12.2020, p. 1475-1485	ST 14368/20
Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit - Notifika mill-Unjoni ĠU L 444, 31.12.2020, p. 1486-1487	ST 14367/20

<i>Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u l-Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata</i> <u>Dikjarazzjoni mill-Kunsill għall-minuti</u> Huwa nnutat li l-Kunsill iddeċieda li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni (il- "Ftehimiet") għandhom jiġu applikati fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill għaldaqstant ser jeżerċita s-setgħat tiegħu skont l-Artikolu 218 TFUE biex iwettaq l-iskrutinju u jlesti l-proċess ta' konklużjoni ta' dawk il-Ftehimiet bl-aktar mod diliġenti u mingħajr xkiel possibbli. Matul dan il-proċess, il-Kummissjoni hija mitluba, f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE, tippreżenta proposti xierqa biex tiżgura li l-Kunsill ta' Sħubija jippermetti li l-Ftehimiet jiġu applikati proviżorjament sat-tlestija mill-Unjoni tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom, inkluż ir-reviżjoni finali mill-ġuristi-lingwisti tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha tagħhom u l-istabbiliment ta' tali verżjonijiet lingwistiċi finalment riveduti bħala awtentiċi u definittivi mill-Partijiet.	ST 14339/20
<i>Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u l-Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata</i> <u>Dikjarazzjoni mill-Awstrija</u> Il-konklużjoni ta' ftehimiet dwar is-sigurtà soċjali ma' pajjiżi terzi taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, li jridu jirrispettaw l-obbligi skont it-TFUE meta jagħmlu dan (eż. il-Kawża C-55/00, Gottardo). Madankollu, il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni fih ukoll dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali rispettivi, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni unika tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux ipoġġu f'dubju l-kompetenza tal-Istati Membri li jikkonkludu ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi oħra fil-futur u ma jistax ikollhom impatt fuq il-kontenut ta' ftehimiet bħal dawn. Ukoll fir-rigward tar-Renju Unit il-kompetenza eżerċitata mill-UE fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni trid tibqa' limitata għall-kwistjonijiet assolutament meħtieġa. Għalhekk, it-terminu “suġġetti koperti mill-Protokoll dwar is-Sigurtà Soċjali” jrid jiġi interpretat bħala eżenzjoni mill-prinċipju ta' awtonomija tal-Istati Membri f'dan il-qasam u jrid jiġi interpretat b'mod restrittiv. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jaqblu mar-Renju Unit dwar prinċipji jew dispożizzjonijiet li ma jinsabux fil-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali sakemm dawn jikkorrispondu pereżempju mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u 987/2009. Il-proċeduri previsti fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill [dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-	CM 5525/20

Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata] ma jistgħux ifixxlu l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet tal-Istati Membri.	
<u>Dikjarazzjoni min-Netherlands</u> In-Netherlands jinnutaw li, billi qablu bħala membru tal-Kunsill mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u tal-Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, huma jaqblu mal-applikazzjoni proviżorja taż-żewġ ftehimiet fl-intier tagħhom. Dan ser jinkludi l-applikazzjoni proviżorja taż-żewġ kompetenzi esklużivi tal-Unjoni u, f'dan il-każ partikolari, kompetenzi mhux esklużivi tal-Unjoni eżerċitati mill-Unjoni. In-Netherlands jinnutaw li din l-applikazzjoni proviżorja hija mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha f'konformità mat-Trattati. L-applikazzjoni tal-ftehimiet fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom, tippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jeżaminaw b'mod xieraq id-deċiżjoni prevista dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet, li għandha tittieħed b'unanimità fil-Kunsill, u t-test tal-Ftehimiet. Hija ser tippermetti wkoll lill-parlament Netherlandiż jiskrutinizza aktar il-ftehimiet u jeżerċita r-rwol tiegħu qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet.	CM 5525/20
<u>Dikjarazzjoni minn Ċipru dwar id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar</u> Id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membru tagħha, fir-rigward tat-trasport bl-ajru, hija regolata b'mod espliċitu mit-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni permezz tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, fil-qasam tas-servizzi tal-ajru, għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku tal-ajru, fi kwalunkwe negozjati li jkunu għaddejjin jew daww futur, l-iffirmar jew il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ma' kwalunkwe pajjiż terz, fil-qasam tas-servizzi tal-ajru u ma għandux jikkostitwixxi preċedent għal dan il-għan.	CM 5525/20

<u>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar</u> Fir-rigward tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tapprova f'isem l-Unjoni xi sospensjoni u implimentazzjoni tal-ftehim. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Applikazzjoni Proviżorja hija antiċipazzjoni temporanja tal-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali li l-konklużjoni tiegħu għadha pendent, u għalhekk hija soġġetta għar-rekwiżiti stretti skont it-Trattat. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Artikolu 218(7) TFUE huwa deroga għall-proċeduri ordinarji skont il-paragrafi 5, 6 u 9 tal-istess Artikolu u għal dik ir-raġuni għandu jkun ta' interpretazzjoni stretta kif iddikjarat b'mod konsistenti mill-QEĠ u li jista' jiġi previst biss "meta jiġi konkluż ftehim". Il-Kummissjoni tqis li l-użu konkret ta' tali għoti ta' setgħa ser ikun limitat għal sitwazzjonijiet li jeħtieġu azzjonijiet urġenti li ma jistgħux jiddewmu, u fi kwalunkwe każ qed tippjana li tassoċja lill-Parlament Ewropew fil-forma xierqa.	CM 5525/20
<u>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-emendi għar-rakkomandazzjoni Euratom</u> Il-Kummissjoni tieħu nota li l-Kunsill japprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari u tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, soġġett biss għall-kondizzjoni li daww il-ftehimiet jiġu ffirmati u jiġu applikati b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni tfakkar li s-setgħa li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali hija mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 101 tat-Trattat. Dan ifisser li skont it-Trattat Euratom, hija l-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi dwar l-iffirmar u li tiżgura l-applikazzjoni proviżorja ta' tali ftehimiet f'konformità mal-approvazzjoni mogħtija mill-Kunsill.	CM 5525/20

<u>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompetenzi</u> Il-Kummissjoni tfakkar li d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri hija ttrattata b'mod eżawrjenti fit-Trattati. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġislator ma għandux is-setgħa li jibdel dik id-diviżjoni. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa skont il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe negozjati li għaddejjin jew futuri għal ftehimiet internazzjonali ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni tagħhom.	CM 5525/20
<u>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Ġibiltà</u> Wara d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn l-Unjoni u r-Renju Unit tal-25 ta' Novembru 2018, il-ftehim li għandu jiġi ffirmat bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fit-30 ta' Diċembru 2020 ma jinkludix lil Ġibiltà. Dan ma jipprekludix il-possibbiltà li jkun hemm ftehimiet separati bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà. Il-Kummissjoni tinsab lesta li teżamina kwalunkwe talba minn Spanja, bi qbil mar-Renju Unit, biex tinbeda l-proċedura għan-negozjar ta' ftehimiet separati bħal dawn jekk dawn ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u l-interessi tal-Unjoni.	CM 5525/20